MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Numru. 85/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**Michael Camilleri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Michael Camilleri detentur tal-karta tal-identita` numru 57862(M).

Akkuzat talli fid-19 ta’ Awwissu 2010, u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:
1. Ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali jew wieghed; jew ta struzzjonijiet biex isir delitt; jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz; u

2. Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, wiehed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq kien ghal dik il-persuna jew ghal xi haddiehor.

B'hekk sar recediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi:

i. tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti; u

ii. tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li huwa hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Rat illi r-rwol tal-imputat ma kienx wiehed principali sabiex tinhareg il-licenzja odjerna.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 42(d), 185(1), 121A(1), 188 u 108 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat Michael Camilleri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'

Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tletin (30) xahar mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------